**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Gunju 2025**

Rikors Numru: 170/2025 AL

A BC

Vs

D E F sive BC

(M.R. Numru 228/1995)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

Illi il-partijiet izzewwgu fid-dsatax ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (19.03.1995) fir-Registru taz-Zwieg, gewwa l-Belt Valletta u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru tar-registrazzjoni 228/1995 hawn anness u mmarkat bhala **Dok. RJ1;**

Illi il-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat in atti tan-Nutar Fiona Zammit Armeni fit-tmienja u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa u ghoxrin (28.03.2025) hawn anness u mmarkat bhala **Dok. RJ2;**

Illi minn dan iż-żwieg taghhom il-partijiet ghandhom zewg t'itfal illi illum lkoll huma it-tnejn maggiorenni.

Illi l-partijiet ilhom *de facto* isseparati għal aktar minn sena;

Illi r-rikorrenti tiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet dwar manteniment;

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi llum ghandhom ħajja totalment separati minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Għaldaqstant ir-rikorrenti, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-8 t'April,  2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Rat illi l-intimat debitament notifikat, mhux jopponi ghad-divorzju;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Marzu 2025 u *de facto* separati ghal aktar minn sena.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.